**QORTI CIVILI PRIM’ AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 18 ta’ Mejju 2001**

**Numru 28**
**Citaz. Nru. 1213/95 FDP**

**Dr. Toni Abela ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` kummercjali Valhmor Borg Import/ Export Limited**
**vs**
**John Dalli ezercitanti l-kummerc permezz ta' l-isem Hunter's Tower**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur *nomine* s-somma ta' tlett elef tmien mija u erbgha

u disghin lira Maltin, tminn centezmi u sitt millezmi (Lm3894.08,6) rapprezentanti prezz ta' oggetti ghall-konsum mixtrija mill-konvenut minghand l-istess attur (Dok. A);

Premess illi din is-somma hija dovuta skond il-ligi;

Premess illi l-konvenut mitlub jghaddi ghall-hlas baqa' inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenut *nomine* jhallas lill-attur *nomine* s-somma ta' tlett elef tmien mija u erbgha u disghin lira Maltin, tminn centezmi u sitt millezmi (Lm3894.08,6) bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-konsenja ta' l-oggetti fuq imsemmija sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Rat il-verbal tas-26 ta' Mejju 1998 li permezz tieghu ghalkemm il-konvenut kien kontumaci peress li ma pprezentax in-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu skond il-ligi, l-attur *nomine* iddikjara li ma kienx jopponi ghall-prezentata tan-nota ta' l-eccezzjonijiet da parti ta' l-imsemmi konvenut;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' l-istess konvenut li fiha eccepixxa:-

1. Illi l-istabbiliment "Hunter's Tower" ma kienx gestit minnu personalment izda minn socjeta` kummercjali, bir-rizultat li l-konvenut ma kienx il-legittimu kontradittur u kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez;

U ghamel ukoll riserva ghal eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota tal-konvenut ipprezentata fl-24 ta' Jannar, 2001;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi s-socjeta` attrici ntavolat din ic-citazzjoni biex il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm3894.08,6 oltre l-imghaxijiet kummercjali ghal konsenja ta' oggetti;

Illi l-konvenut eccepixxa illi n-negozju indikat fic-citazzjoni ma kienx gestit minnu personalment imma minn socjeta` kummercjali;

Il-Qorti tirrileva anki ghall-fatt illi d-domanda attrici hija ghal kundanna tal-"konvenut *nomine*";

Illi gara li wara hafna differimenti pratikament ghalxejn, il-Qorti giet infurmata illi l-partijiet kienu ftehmu u li l-kawza kellha tigi ceduta; din ic-cessjoni pero` ma sehhitx u wara li l-kawza thalliet *sine die,* is-socjeta` attrici regghet talbet ir-riappuntament tal-kawza peress li kien faddlilha interess fil-meritu, u l-kawza tpoggiet ghas-smiegh ghall-Udjenza tat-13 ta' Ottubru 2000;

Illi fl-24 ta' Jannar 2001 il-konvenut John Dalli pprezenta fir-Registru nota illi permezz taghha ammetta t-talba attrici, u fid-dawl ta' din in-nota l-Qorti sejra tiddeciedi adezivament t-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' t-Talba Attrici kif dedotta fic-citazzjoni.

Bl-ispejjez ta' din il-kawza ammessa ghandhom jigu sopportati mill-istess konvenut.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur